*Appell minn Interim Measures*

*Artikolu 229 (3) tal-Kap 12*

*Ma hemmx bzonn ta' 'Leave to Appeal'*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## - Sede Kostituzzjonali -

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Fl-Atti tal-Kawza Numru : 107/2016/1/LSO**

**Jamburu Jara (Police number 11F-263), Issa Jaruke (Police number 15A-53), Mama Sangare (Police number 15A-74), Wali Traore (Police number 15A-27), Selia Konate (Police number 11D-65), Mamadou Camara (Police number 14C-77), Segu Diba (Police number 11B-122), Mamadou Traore (Police number**

**08YY-006), Ibrahim Camara (Police Number 14C-67)**

**vs**

**1. Kummissarju tal-Pulizija Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**

**2. Ministru tal-Intern**

**3. Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Jamburu Jara et datat 10 ta' Jannar 2017[1] fejn esponew: -

Illi permezz ta' rikors datat it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena 2016 l-esponenti talbu sabiex jigu mehlusin mid-detenzjoni u fejn kwalunkwe arrangamenti sabiex issir id-deportazzjoni taghhom jigu sospizi *stante* l-pendenza tal-proceduri odjerni;

Illi permezz ta' digriet ta' nhar l-erbgha (4) ta' Jannar tas-sena 2017, din l-Onorabbli Qorti cahdet dan ir-rikors *stante* illi din l-Onorabbli Qorti ddegretat illi ma rrizultax li jezisti pregudizzju rrimedjabbli jekk it-talba ghall-*interim order* ma tintlaqax;

[1] Fol 51 u 52

Illi l-esponenti hassuhom aggravati mid-digriet imsemmi ta' din l-Onorabbli Qorti u jridu jiksbu l-permess taghha sabiex jappellaw minnu;

Illi fil-fatt tali digriet se jirrizulta f'danni, pregudizzji u konsegwenzi rrimeddjabbli fuq il-persuni tar-rikorrenti u ghalhekk tezisti il-possibbilita` ta' dak provdut mill-Artikolu 229(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi ghall-possibbilita` ta' appell minn digrieti interlokutorju;

Illi dan qieghed jinghad peress li jekk ir-rikorrenti se jinzammu detenuti u eventwalment jigi deciz li r-ritorn taghhom jilledi d-drittijiet fundamentali taghhom huwa se jkunu inzammu detenuti ghal xejn;

Illi aparti dan l-esponenti li ilhom ghal zmien twil hawn Malta kienu stabbilixxew ruhhom b'mod li huma kellhom xoghol fiss bil-konsegwenza li jekk se jinzammu detenuti huma se jitilfu l-impjieg taghhom;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghtihom il-permess biex jappellaw f'dan l-istadju tal-kawza mid-digriet taghha fuq imsemmi tal-erbgha (4) ta' Jannar tas-sena 2017.

Il-Qorti b'digriet taghha tal-11 ta' Jannar 2017 ipprovdiet wara li billi r-rikors jitratta materja li hija ta’ natura urgenti; Ordnat is-smigh tal-istess b’ urgenza bl-akkorciment tat-termini soliti moghtija. Ordnat n-notifka tar-rikors u digriet

lill-kontroparti li b' jumejn zmien biex iwegeb u appuntat ir-rikors ghas-17 ta' Jannar 2017 fis-1:15pm.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, tal-Ministru tal-Intern u tal-Avukat Generali ghar-rikors intavolat mir-rikorrenti fl-10 ta' Jannar 2017 datata 16 ta' Jannar 2017 a fol 58 tal-process fejn esponew :-

Illi dina r-Risposta qieghda ssir *ai termini* tad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Jannar 2017 fejn l-esponenti inghataw l-opportunita' li jwiegbu ghar-rikors intavolat mir-rikorrenti fejn talbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex *"taghtihom il-permess biex jappellaw f'dan l-istadju tal-kawza mid-digriet taghha fuq imsemmi tal-erbgha (4) ta' Jannar tas-sena 2017".*

L-esponenti qieghdin joggezzjonaw ghat-talba kif dedotta fir-rikors in risposta ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-mizuri provvizorji *(interim measures)* jinghataw mill-Qrati muniti b'gurisdizzjoni temporanja *ai termini* tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi appell minn Digriet li jaghti ordnijiet ta' natura temporanja ghandu jsir minnufih skont l-Artikolu 4 (4) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 46 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan *stante* li dak provdut f' dawn l-artikoli jipprevali fuq dak dispost fl-Artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali f'decizjoni ricenti moghtija fit-3 ta' Gunju 2013 fl-ismijiet

**Ryan Briffa** vs **Avukat Generali** osservat li appell minn ordnijiet ta' natura temporanja jista' jsir minnufih skont l-artikolu 4 (4) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 46 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali dan jista' jsir "*vista tal-fatt li l-Kostituzzjoni tipprovdi li l-appell f'dan il-kaz huwa dritt tal-parti dan ma jistax ikun suggett ghall-permess tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk dak provdut fl-Artikolu 4 (4) (recte 46 (4)) tal-Kostituzzjoni jipprevali fuq dak dispost fl-Artikolu 229 tal-Kap. 12 ".*

Illi isegwi li r-rikorrenti, jekk hassewhom aggravati mic-cahda tar-rikors taghhom ghall-ghoti ta' mizuri provvizorji kellhom jintavolaw rikors ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali *stante* li d-dritt taghhom mhuwiex suggett ghal permess li jahseb ghalih l-Artikolu 229 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk ir-rikors in risposta huwa improponibbli u irritwali u ghandu jigi dikjarat bhala tali minn dina l-Onorabbli Qorti.

Illi certament illi r-rikorrenti ma jistghux ihallu li jghaddi t-terminu tal-appell koncess lilhom u wara jittentaw jinqdew bl-Artikolu 229 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex jippruvaw jirriprestinaw id-dritt taghhom sabiex jappellaw mid-Digriet ta' cahda tal-mizuri provvizorji.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottomettu li fil-kuntest ta' mizuri provvizorji r-rikorrenti ghandhom juru l-hsara irreparabbli ghall-interessi taghhom. Fis-sentenza fl-ismijiet **Federation of Estate Agents** vs **Direttur Generali (Kompetizzjoni) et** (rikors

kostituzzjonali 87/2013) deciz fil-25 ta' Settembru 2014 il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi *"F'materja ta' l-hekk imsejha interim measures huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali mizuri ghandhom jittiehdu hiss f'kazijiet ta' urgenza u sahansitra f'kazijiet ta' "urgenza estrema" fejn in-nuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fl hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li mizuri ad interim huma indikati f'kazijiet ecezzjonali. Inoltre, tenut kont li talba ghal "rimedju temporanju" taqa' biex tigi konsidrata taht l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni isegwi li l-proviso tal-istess subartikoli japplika wkoll ghal dik it-talba 3 u li ghalhekk il-Prim' Awla tal-Qorti Civili tista' tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha skont l-istess subartikoli f'kull kaz fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi ligi ordinarja".*

Illi minn ezami tar-rikors in risposta ma nsibu l-ebda gustifikazzjoni li jimmerita l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti. Illi kif ben osservat dina l-Onorabbli Qorti fid-Digriet taghha tal-4 ta' Jannar 2017 jirrizulta li fuq bazi 'prima facie' r-rikorrenti ma rnexxilhomx juru li huma ser igarrbu hsara irreparabbli. Ghal kuntrarju dak li rrizulta huwa li r-rikorrenti jinsabu detenuti abbazi ta' ordni ta' tnehhija li nharget skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan sabiex jigu deportati lejn il-pajjiz ta' origini taghhom u cioe' lejn il-Mali. Jirrizulta wkoll li l-awtoritajiet tal-Mali gew Malta sabiex jitkellmu mar-rikorrenti u jistabbilixxu li r-rikorrenti huma

effettivament originarji mill-Mali, giet skambjata kommunikazzjoni bejn l-awtoritajiet u dak li fadal huwa li l-awtoritajiet tal-Mali jibaghtu d-dokument ta' l-ivvjaggar sabiex ir-rikorrenti jigu deportati lejn pajjizhom.

Illi huwa important li wiehed izomm f' mohhu illi d-Direttiva 2008/115 li tahseb dwar id-decizjoni ta' ritorn giet trasposta fil-ligi domestika permezz tal-Avviz Legali 8 tal-2011 intitolat *"Common Standards and Procedures for returning Illegally Staying Third Country Nationals Regulations".* Illi dan ifisser li fil-mument li r-rikorrent dahlu Malta b'mod irregolari huma qatt ma setghu jinghataw decizjoni ta' ritorn galadarba huma gew Malta qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 81 tal-2011 u li ghar-rikorrenti ma japplikawx tali dispozizzjonjiet. Illi kif diga' saret prova quddien dina l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrenti inghataw ordni ta' tnehhija (*removal order*) abbazi ta' liema ordni ta' tnehhija galadarba r-rikorrenti ser jigu deportati, qed jinzammu fid-detenzjoni.

3. L-esponenti jirreferu wkoll ghad-decizjoni ricenti moghtija mill-Qorti Kostituzzjonal fid-9 ta' Jannar 2017 fil-kawza fl-ismijiet **Angelo Frank Paul Spiteri vs Avukat Generali** li kienet titratta detenzjoni ta' persuna sabiex titregga' lura lejn il-pajjiz rikjedenti f' kuntest ta' proceduri ta' estradizzjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi: *"Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li d-detenzjoni ma saritx "in good faith" tenut kont tal-fatt li mill-atti jirrizulta pacifiku li d-detenzjoni tar-rikorrent saret bil-ghan li dan jigi estradit lejn u fuq rikjesta ta' pajjiz Ewropew iehor sabiex jghaddi proceduri kriminali f'dak il-pajjiz. Jirrizulta wkoll manifest li l-proceduri*

*ta' estradizzjoni quddiem il-qrati kriminali lokali ma ttawlux bla bzonn, anzi jinghad li dawk il-proceduri gew trattati b'mod spedit u konkluzi fi zmien qasir, u ghalhekk ma jistax jinghad li l-perijodu tad-detenzjoni sakemm ir-rikorrent jigi estradit, qed jitwal bla bzonn min-naha tal-Istat. Minn barra dan, jigi osservat li ma jirrizultax u ma sar ebda ilment da parti tar-rikorrenti li l-post u l-kondizzjonijiet tad-detenzjoni mhumiex "appropriate". Ghaldaqstant ma rrizultaw ebda cirkostanzi li jirrendu l-kaz odjern, wiehed urgenti jew ta' "urgenza estrema" li fin-nuqqas tat-tehid ta' mizut provvizorji ser tirrizulta jew tista' tirrizulta hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-appellat jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jehtigilha taghmel. Ma rrizulta xejn li jirrendi l-kaz odjern wiehed eccezzjonali fis-sens premess".*

Illi fil-kaz odjern gie ampjament muri li d-detenzjoni tar-rikorrenti hija wahda legali (skont il-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta) u li tali detenzjoni qed issir sabiex ir-rikorrenti jigu deportati lejn il-pajjiz ta' origini taghhom u li tali process ta' deportazzjoni qed isir bi speditezza.

4. Illi fil-kaz odjern ma hemmx cirkostanzi daqshekk gravuzi li jimmilitaw favur il-hrug ta' mizura provvizorja ghaliex ma hemmx kwistjoni ta' theddida fuq il-hajja jew l-inkolumita' fizika tar-rikorrenti u dan *stante* li r-rikorrenti mhux qed jilmentaw li r-rimpatriju taghhom lejn pajjizhom ser jesponihom ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom. Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti huma msejsa fuq ben altru liema lanjanzi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi *in oltre*, bit-talba taghhom, ir-rikorrenti donnhom qed jassumu li ser tintstab lezjoni u li fost ir-rimedji li ser

jinghataw ghal tali vjolazzjoni hemm it-thassir tal-ordni ta' tnehhija in konfront taghhom. Illi aktar minn hekk it-talbiet ghall-hrug ta' ordnijiet provvizorji jirrispekkjaw it-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali taghhom. Illi certament li l-ghoti ta' mizuri provvizzjorji ma jirravvizawx tali raguni ghall-ghotja taghhom izda jinghataw biss sabiex jissalvagwardjaw u jipprotegu l-inkoluminita' fizika tal-individwu.

Illi jsegwi ghalhekk li t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors in risposta ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Tant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti in risposta ghat-talba maghmula mir-rikorrenti fir-rikors taghhom tal-10 ta' Jannar 2017.

Rat il-verbali tas-seduti tad-19 ta’ Jannar 2017 u tal-24 ta’ Jannar 2017 fejn fl-ahhar seduta meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Jason Grima u Dr Gian Luca Cappitta ghar-rikorrenti prezenti fl-Awla. Dehret Dr Victoria Buttigieg ghall-intimati, rapprezentati mill-Ispettur Mario Haber u Dr Antia Zammit ghall-Foreign Affairs. Deher l-Interpretu Dr Anthony Licari, li nghata l-gurament. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tar-rikors tad-difensuri tal-partijiet, ghall-awtorizzazzjoni tal-Appell intavolat mir-rikorrenti, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet fuq ir-rikors ghall-awtorizzazzjoni ghall-Appell ghall-31 ta' Jannar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan hu provvediment fuq rikors maghmul fit-termini tal-**artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u fejn l-intimati qed jopponu billi ssottomettew li dan is-subinciz mhuwiex applikabbli ghal digrieti moghtija mill-Qrati fil-kompetenza kostituzzjonali taghhom.

**L-artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi:

"229 *(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell."*

**Applikabbilita' tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-intimat issolleva punt preliminari procedurali abbazi tal-**artikolu 4(4) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 46(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** *stante* li dak provdut f'dawn l-artikoli jipprevali fuq dak dispost fl-artikolu 229 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili.

Illi l-**art 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta** li huwa rifless **fl-artikoli 46(2) u 46(4) tal-Kostituzzjoni** jiddisponi:

" *"4. (2) Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*"Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.*

*-- omissis –"*

*"(4) Kull parti fi proċedimenti miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali."*

Illi fil-kaz **Ryan Briffa v Avukat Generali** citat mill-intimat odjern, l-Qorti Kostituzzjonali kellha tindirizza l-preġudizzjali

ssollevata mill-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu dwar l-irritwalita` u nullita` tal-appell tar-rikorrent Ryan Briffa. Ir-raġuni mogħtija mill-Avukat Ġenerali kienet proprju li l-**Artikolu 229 tal-Kap. 12** huwa applikabbli wkoll ghall-appell minn digriet dwar *interim measures.*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz imsemmi kkonsidrat fl-ewwel lok li ordnijiet, atti jew direttivi (bhal ma huma *interim measures*) maħruġa mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qabel id-deċiżjoni tal-mertu tat-talba magħmula skont l-Artikolu 4(1) imsemmi, *"ma jistgħux ikunu ħlief interlokutorji għaliex jiġu neċessarjament inizjati matul l-andament tal-kawża, iħallu għal kollox miftuh id-dibattitu fil-mertu tar-rikors, ma hux ta' natura definittiva, u neċessarjament jippresta ruħu li jiġi mibdul mill-Qorti*[2]*.* Madanakollu l-Qorti irriteniet izda, li ghalkemm digrieti simili huma *digrieti interlokutorji: "In vista tal-fatt li l-Kostituzzjoni tipprovdi li l-appell f'dan il-każ huwa dritt tal-parti dan ma jistax ikun suġġett għall-permess tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u għalhekk dak provdut fl-Artikolu 4(4) tal-Kostituzzjoni jipprevali fuq dak dispost fl-Artikolu 229 tal-Kap. 12."*

Illi ghalkemm l-intimat iccita mis-sentenza moghtija fil-kaz ta' **Ryan Briffa v Avukat Generali** deciz fit-3 ta' Gunju 2013 dwar dan l-aspett preliminari procedurali, r-rikorrent, fit-trattazzjoni, ghamel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Peter Paul Cutajar v Avukat Generali et.** moghti mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 2013. Il-Qorti Kostituzzjonali f'dik is-sentenza, ma gietx mitluba tikkonsidra l-irritwalita' tal-appell maghmul wara talba fit-

[2] Ara Q. App. Ċiv., Emanuel Abela v. Perit Arkitett Fred Valentino et., 4/12/1998; Q.App. Ċiv., Alfred Piscopo v. Direttur tas-Servizzi Soċjali, 4/5/1992, Vol. LXXVI.ii.252).

termini tal-**artikolu 229(3) tal-Kap 12** izda ikkunsidrat jekk it-termini imposti fl-imsemmi artikolu gewx osservati.

Illi iktar recentement jirrizulta li l-Avukat Generali appella minn *interim relief order* direttament u minghajr l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta fil-kaz fl-ismijiet **Frank Angelo Spiteri v Avukat Generali.** Dan l-appell gie degretat fid-9 ta' Jannar 2017 mill-Qorti Kostituzzjonali. Kien ir-rikorrent, allura l-intimat fl-appell, li ssolleva l-htiega tal-awtorizzazzjoni fit-termini tal-artiolu 229 tal-Kap 12 izda l-Qorti Kostituzzjonali ghaddiet biex tikkonsidra l-appell minghajr ma dahhlet f'dan il-punt.

Ikkonsidrat li l-Qrati taghna ghandhom s-setgha fil-qafas ta' kawzi ta' ghamla Kostituzzjonali li jaghtu mizuri provvizorji (*interim measures).* Din is-setgha temani *ex lege* bl-applikazzjoni tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta, u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi l-Qrati huma konkordi li hemm dritt ta' appell minn mizuri provizorji izda sfortunatament ma hemmx pronunzjamenti konformi dwar il-procedura rekwizita.

Ikkonsidrat li skont dak provvdut fl-**Avviz Legali 279 tas-sena 2008,** Regoli ta’ l-2008 dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni, fir-regolament 7 insibu:

*" 7. Barra minn dak li huwa mahsub mod iehor f’dawn ir-regoli, id-disposizzjonijiet tal-Kodici u ta’ kull legislazzjoni sussidjarja maghmula bis-sahha tal-Kodici ghandhom*

*japplikaw mutatis mutandis ghal procedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti Kostituzzjonali msemmija fir-regola 2."*

Madanakollu huwa indiskutibbli li s-setgha tal-Qorti fil-kompegtenza odjerna tidderiva mill-Kostituzzjoni u mill-Kap 319 u mhux mid-disposizzjonijiet tal-Kap 12, u daqstant jista' jinghad ghad-dritt tal-appell tal-parti f'dawn il-proceduri li huwa sancit bl-artikolu 4(4) tal-Kap 319 u 46(4) tal-Kostituzzjoni.

Isegwi li d-dritt tal-appell minn ordni ta' mizura provvisorja jezisti u mhuwiex marbut mal-htiega ta' permess jew awtorizzazzjoni ulterjuri da parti tal-Qorti li tkun harget l-ordni.

Ghaldaqstant taqbel mat-tezi tal-Avukat Generali li ma hemmx il-htiega ta' awtorizzazzjoni minn din il-Qorti sabiex isir appell mid-digriet taghha tal-4 ta' Jannar 2017.

Illi izda, ghalkemm fil-fehema ta' din il-Qorti, l-posizzjoni hija cara, tifhem ukoll li hemm konflitt fil-gurisprudenza ccitata mill-kontendenti. Fit-trattazzjoni rrizulta li r-rikorrenti, sabiex jissalvagwardjaw l-posizzjoni taghhom, fil-mori pprezentaw ukoll appell mid-digriet in mertu direttament lill-Qorti Kostituzzjonali.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li tkun aktar gusta mar-rikorrenti, *stante* l-materja trattata, li ma tghaddix biex tiddeciedi r-rikors fuq l-aspett procedurali sakemm ma jkunx hemm digriet mill-Qorti Kostituzzjonali li

tista' anke ma taqbilx maghha. B'hekk jigu salvagwardjati t-termini tal-artikolu 229(3) tal-Kap 12.

Ghaldaqstant ghalissa qed tissospendi d-decizjoni taghha fuq ir-rikors sakemm jigi deciz ir-rikors mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali u f'kaz li dik il-Qorti tiddeciedi li l-procedura korretta hija dik tentata llum, tirriserva favur ir-rikorrenti l-jedd li jergghu jitolbu li jigi ttrattat finalment.

**L-ispejjez jithallsu mas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta’ Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta’ Jannar 2017**